

Mistoqsija għal tweġiba orali O-00002/2015

lill-Kummissjoni

Artikolu 128 tar-Regoli ta' Proċedura

Marita Ulvskog

f'isem il-Kumitat għall-Impjegi u l-Affarijiet Soċjali

Suġġett: Il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-2014, il-Parlament appella lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-inizjattivi politiċi potenzjali mmirati lejn it-tnaqqis tal-ostakli għall-iskemi transkonfinali ta' parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati u biex tipprovdi informazzjoni u tqajjem kuxjenza dwar il-kwistjoni, peress li ħafna impjegati u impjegaturi Ewropej – b'mod partikolari l-impriżi żgħir u ta' daqs medju – fil-preżent ma għandhomx aċċess għal informazzjoni dwar l-oqfsa ġuridiċi u fiskali għall-skemi ta' parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati.

Studju reċenti tal-Kummissjoni jirrakomanda pjan fuq ħames punti għall-promozzjoni ta' sjieda tal-ishma min-naħa tal-impjegati.

Madankollu, l-implimentazzjoni ta' politiki ta' dan it-tip tinvolvi sfidi sinifikanti, u hemm riskji għall-impjegati involuti.

1. Kif biġsiebha l-Kummissjoni tippromovi l-parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati fid-dawl tar-riżoluzzjoni tal-PE u x'tagħlimiet ittiegħdu mill-proġett pilota reċenti?
2. Il-Kummissjoni kif biġsiebha tiżgura l-konformità mal-prinċipji stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-1992, pereżempju l-ebda sostituzzjoni ta' pagi, l-ebda diskriminazzjoni u l-ebda kunflitt ma' parteċipazzjoni fit-teħid tad-deċiżjonijiet?
3. Il-Kummissjoni kif biġsiebha tippromwovi l-aħjar prattika għal skemi ta' sjieda tal-ishma min-naħa tal-impjegati?
4. Il-Kummissjoni kif qed tippjana li tiżgura l-parteċipazzjoni tal-impjegati u l-inklużjoni tar-rappreżentanti tal-ħaddiema fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-iskemi ta' dan it-tip?
5. Il-Kummissjoni biġsiebha tiżviluppa mudelli ta' sjieda strateġika fir-rigward tal-ishma tal-impjegati fl-iskemi ta' sjieda tal-ishma min-naħa tal-impjegati, b'mod li tissodisfa l-interessi fit-tul tal-kumpanija u tal-impjegati tagħha?
6. Liema miżuri għandhom jittiegħdu biex jiproteġu t-tfaddil tal-impjegati investit f'kumpanija fil-każ ta' kriżi jew li l-kumpanija ssir insolventi, b'mod li jiġi evitat ir-riskju doppju li l-impjegati jtilfu l-impjeg (l-introjtu) u t-tfaddil tagħhom fl-istess ħin?

Imressqa: 22.1.2015

Mgħoddija: 26.1.2015

L-iskadenza għat-tweġiba: 2.2.2015